**30 ta' Lulju, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Nicholas Bartolo

*versus*

Mario Cini

**Għajnuna Legali - Benefiċċju ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat digriet fejn ammettiet lill-konvenut appellant għall-benefiċċju ta' l-għajnuna legali.*

Il-Qorti:-

Rat it-talba tal-konvenut appellant quddiem l-Avukat għal Għajnuna Legali biex ikun ammess għall-benefiċċju ta' l-għajnuna legali ħalli jipproseġwi bla ħlas l-appell ġà minnu interpost;

Rat ir-risposta tal-kontro-parti li allega li l-imsemmi konvenut appellant ma għandux jiġi ammess għal dan il-benefiċċju billi ma jissodisfax il-*means test* li trid il-liġi;

Rat ir-relazzjoni favorevoli ta' l-Avukat għal Għajnuna Legali u d-digriet tagħha tat-8 ta' April, 1983, li permezz tiegħu ġiet milqugħa t-talba ta' l-imsemmi konvenut appellant u ġew assenjati lilu bħala difensuri l-Avukat Dr. Anthony Cremona Barbaro u l-Prokuratur Legali George Scicluna li lilhom kien imiss t-*turn*;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet bil-ġurament lill-konvenut appellant Mario Cini;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet riferibbilment għall-kwistjoni dwar l-ammissjoni ta' l-imsemmi appellant għall-benefiċċju ta' l-għajnuna legali;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, il-konvenut appellant huwa mastrudaxxa armat għal rasu fin-numru 1, Triq San Martin, Ħaż Żebbuġ; u tal-post iħallas Lm50 kera fis-sena;

Jaħdem xogħol ta' aperturi u xogħol ta' għamara; għandu makna ta' l-elettriku żgħira li tisserra u tinċana, *hand saw* li kien xtara Lm150; iħallas ir-rata ta' *contribution* iż-żgħira u anke l-*income tax*. Ma jafx kemm iħallas *provisional tax*, però jaf li fl-aħħar sena kellu jżid Lm30 ma' dak li kien diġà ħallas;

Jikkalkola li wara li jħallas l-*income tax* u l-*contribution* jibqalu bejn elf (Lm1,000) u ħdax-il mitt lira (Lm1,100) fis-sena;

L-istess appellant jgħid li fil-post ta' Ħaż Żebbuġ ilu armat

mill-ħabta ta' Novembru, 1983, u qabel kien jaħdem l-ewwel f'post ieħor Ħal Muxi, fejn kien dam xi tliet (3) snin, u imbagħad f'Ħal Luqa, fejn kien dam sena, u kemm ilu jaħdem ta' mastrudaxxa qatt ma għamel xi perijodu bla xogħol, ħlief għal madwar erbgħa (4) xhur sakemm ittrasferixxa minn Ħal Muxi għal Ħal Luqa;

Minn danakollu premess jidher abbondantement ċar li għalkemm ma jistax jingħad li s-sitwazzjoni ekonomika ta' l-appellant hija invidjabbli, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li hu miżżewweġ u għandu tlett itfal, b'danakollu, però huwa wisq ovvju li fit-termini ta' l-artikolu 915 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jikkwalifikawx għall-benefiċċju ta' l-għajnuna legali;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, wara li rat l-artikolu 925 (1) ta' l-imsemmi Kodiċi u prevja r-revoka *contrario imperio* ta' l-imsemmi digriet tat-8 ta' April, 1983, tneħħi l-benefiċċju ta' l-għajnuna legali lill-konvenut appellant u tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni skond il-liġi għas-seduta tal-ħamsa (5) ta' Novembru, 1984;

L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dan l-inċident jitħallsu mill-konvenut appellant.